**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 518/2015**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Glen Debattista**

Illum, 30 ta' Marzu, 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, Glen Debattista, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 565359M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'Lulju 2012 u fil-ġimgħat u x-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. B'mezzi kontra il-liġi jew billi ghamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) għad dannu tal- istabbiliment Digital Zone u/jew John Meli ID 57355M.

2. U aktar talli fl- istess dati, lokalitajiet u ċirkoztanzi, b'mezzi kontra il-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza

ta′ intrapriżi foloz, jew ta′ ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta′ krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża′ dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta′ aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) għad-dannu tal- istabbiliment THE WHOLESALER BELGROUP u/jew Joseph Bugeja ID 53157M.

3. U aktar talli fl- istess dati, lokalitajiet u ċirkoztanzi, b′mezzi kontra il-liġi jew billi għamel użu ta′ ismijiet foloz jew ta′ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b′qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b′oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta′ intrapriżi foloz, jew ta′ ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta′ krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża′ dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta′ aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) għad-dannu tal- Kumpanija VINCENT MIFSUD LTD.

4. B′mezzi kontra il-liġi jew billi għamel użu ta′ ismijiet foloz jew ta′ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b′qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b′oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta′ intrapriżi foloz, jew ta′ ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta′ krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża′ dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta′ aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) għad-dannu ta′ Joseph Micallef ID 602460M u ta′ Luke Micallef ID 55290M.

5. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkoztanzi, b′mezzi kontra il-liġi jew billi għamel użu ta′ ismijiet foloz jew ta′ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b′qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b′oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta′ intrapriżi foloz, jew ta′ ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta′ krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża′ dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta′ aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) għad-dannu tal- kumpanija NESTLE MALTA LTD.

6. U aktar talli fl- istess dati, lokalitajiet u ċirkoztanzi, b′mezzi kontra il-liġi jew billi ghamel użu ta′ ismijiet foloz jew ta′ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b′qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b′oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta′ intrapriżi foloz, jew ta′ ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta′ krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża′ dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta′ aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) għad-dannu tal- istabbiliment G&T IMPORTS LTD u/jew Anthony Borg ID 406148M.

7. U aktar talli fl- istess dati, lokalitajiet u ċirkoztanzi, b′mezzi kontra il-liġi jew billi għamel użu ta′ ismijiet foloz jew ta′ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b′qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b′oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta′ intrapriżi foloz, jew ta′ ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta′ krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża′ dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta′ aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa

u tletin ċenteżmu (2,329.37) għad-dannu tal- kumpanija SCHEMBRI IMPORT & EXPORT LTD. u/jew George Schembri ID 172266M.

8. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkoztanzi, b'mezzi kontra il-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) ghad dannu ta' Craig Agius ID 241789M.

9. U aktar talli fl- istess dati, lokalitajiet u ċirkoztanzi, b'mezzi kontra il-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) għad-dannu tal- kumpanija J.CALLEJA LTD. u/jew iddiretturi taghha.

10. U aktar talli fl- istess dati, lokalitajiet u ċirkoztanzi, b'mezzi kontra il-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) għad-dannu tal- istabbiliment SOUTH MARKET u/jew Paul Mifsud ID 98069M.

11. U aktar talli fl- istess dati, lokalitajiet u ċirkoztanzi, b'mezzi kontra il-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) għad-dannu ta' TECHNOWORLD IT SOLUTIONS & BEYOND u/jew Rodney Testa ID 550879M

12.U aktar talli fl- istess dati, lokalitajiet u ċirkoztanzi, b'mezzi kontra il-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu

(232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) għad-dannu ta' MICHAEL CHIRCOP ID 461279M.

13.U aktar talli fl- istess dati, lokalitajiet u ċirkoztanzi, b'mezzi kontra il-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) għad-dannu tal- Kumpanija ROTUNDA LTD. u/jew Armand Galea ID 669662M.

14. U aktar talli fl- istess dati, lokalitajiet u ċirkoztanzi, b'mezzi kontra il-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) għad dannu ta' John Abela ID 217369M.

15. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkoztanzi, b'mezzi kontra il-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) ghad-dannu ta' Clinton Bondin ID582781M.

16. B'mezzi kontra il-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) ghad-dannu tal-kumpanija TITAN INTERNATIONAL LTD.

17. U aktar talli fl- istess dati, lokalitajiet u cirkoztanzi, b'mezzi kontra il-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, ghamel qligħ ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) ghad dannu tal- istabiliment FIRM A. GRECH POLLACO u/jew Anthony Grech ID 654047M.

18. U aktar talli fl- istess dati, lokalitajiet u ċirkoztanzi, b'mezzi kontra il-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) għad-dannu tal- istabbiliment BONNICI STORES LTD. u/jew Godfrey Bonnici ID 382367M.

19. U aktar talli fl- istess dati, lokalitajiet u ċirkoztanzi, b'mezzi kontra il-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) għad-dannu tal- kumpanija SIMONDS FARSONS CISK PLC.

20. U aktar talli fl- istess dati, lokalitajiet u ċirkoztanzi, b'mezzi kontra il-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) għad-dannu ta' PAUL MICALLEF ID 413759M.

21. U aktar talli fl- istess dati, lokalitajiet u ċirkoztanzi, b'mezzi kontra il-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) għad-dannu tal- kumpanija ALCOM ENTERPRISES CO.LTD. u/jew id-diretturi taghha.

22. U aktar talli fl- istess dati, lokalitajiet u ċirkoztanzi, b'mezzi kontra il-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) għad-dannu tal- istabbiliment TOOL CENTRE u/jew Joseph Saliba.

23. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, għamel falsifikazzjoni f'atti awtentici u pubblici, jew fi skritturi kummercjali jew ta' banek privati, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe` diversi cekkijiet tal-HSBC Bank Malta plc. u Bank of Valletta plc, li jippartjenu lil Savior Grima, billi ħoloq pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu ġew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement għamel uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

24.Talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi kellu fil-pusses tiegħu xi ħaġa li kien jaf li kienet misruqa jew meħuda b'qerq jew akkwistata b'reat u naqas milli tgħarraf lill-Pulizija b'dan il-fatt fi zmien ġimgħa minn meta sar jaf.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-5 ta' Novembru 2015, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 18, 49, 50, 182, 183, 308, 309, 310(1)(a)(b), 334, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni sabet lill-imputat Glen Debattista ħati u kkundannatu għal perijodu ta' priġunerija ta' tlett snin.

Rat ir-rikors tal-appellant Glen Debattista, ippreżentat fis-17 ta' Novembru 2015, fejn talab lil din l-Qorti tvarja is-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn il-Qorti sabet ħtija u tikkanċellaha u tħassarha f'dik il-parti fejn erogat il-piena u minflok tikkundana lill-appellant piena aktar ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-uniku *gravam* sottopost għal gudizzju ta' din il-Qorti jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti, u dana meta l-appellant jilmenta illi l-istess kienet waħda eċċessiva u esaġerata. Dan għaliex jisħaq illi l-Ewwel Qorti kellha timponi piena aktar miti fuqu

minħabba l-fatt li huwa ammetta fi stadju bikri kif ukoll fid-dawl tal-*pre sentencing report* li tħejja qabel ma ġiet mogħtija s-sentenza.

Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuz fil-ġurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*".[1]

Illi jibda biex jingħad illi għalkemm l-appellant isejjes l-appell tiegħu fuq l-ammissjoni minnu rreġistrata li huwa isejħilha bħala waħda bikrija, minn eżami akkurat tal-atti proċesswali, ma jirriżultax li huwa fil-fatt ammetta fi stadju inizjali tal-proċeduri. Illi għalkemm il-proċeduri odjerni nbdew nhar it-30 ta' Jannar 2014, l-appellant irreġistra ammissjoni fil-25 ta' Ġunju 2015, u dana wara li kienu xehdu diversi xhieda u ġiet ippreżentata dokumentazzjoni varja. Għalhekk, ċertament li l-ammissjoni tal-appellant ma tistax titqies bħala waħda bikrija kif qiegħed jikkontendi.

Illi, *in oltre*, l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti skartat kompletament dak li ġie ddikjarat fil-*pre sentenzing report*, u ċioe li llum 'il ġurnata, l-appellant irriforma ħajtu kompletament. Lanqas hawn m'għandu raġun l-appellant u dan għaliex r-rakkomandazzjoni tal-Uffiċjal tal-*Probation* hekk kif jixhed l-istess rapport ippreżentat quddiem l-Ewwel Qorti nhar is-17 ta' Settembru 2015, hija fis-sens illi:–

> ***F'dan il-kaz, l-akkuzat ammetta għall-akkuzi li qed jiġu miġjuba kontrih, li fost l-oħrajn jinkludu r-reċediva. Barra minn hekk għandu jieħu in konsiderazzjoni l-fatt li r-reat li kkometta Glen Debattista huwa meqjus bħala wieħed gravi b'diversi vittmi nvoluti. Għaldaqstant qed jiġi rrakkomandat umilment lil din l-Onorabbli Qorti li l-imputat jingħata piena karċerarja fit-terminu li jidhrilha xieraq din l-Onorabbli Qorti.***

Għalhekk jemerġi ċar li l-*Probation Officer* kienet tal-fehma illi l-appellant għandu jingħata piena ta' priġunerija effettiva.

Illi, sorvolati dawn l-ilmenti, din il-Qorti tqis li l-piena mposta fuq l-appellant mill-Ewwel Qorti, u ċioe' dik ta' tlett snin priġunerija, kienet waħda li taqa' sewwasew fil-

---

[1] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.

parametri tal-Liġi, anzi tqarreb ħafna lejn il-minimu b'din il-Qorti għalhekk għandha idejha marbuta u ma tistax tasal biex tnaqqas minn tali piena. L-appellant ġie misjub ħati tar-reat tal-frodi u tal-falsifikazzjoni, bir-reat tal-frodi fit-termini ta'l-artikolu 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali fiż-żmien tal-kummissjoni tiegħu mill-appellant kien iġorr il-piena ta' priġunerija bejn tlettax-il xahar u seba' snin[2]. *Di piu'* ġie misjub ħati tal-addebitu tar-reċidiva. Illi għalkemm l-Ewwel Qorti ma indikatx li kienet qed tapplika l-artikolu 17 fil-konfront ta'l-appellant, madanakollu certament huwa ibbenfika mir-riduzzjoni fil-piena bl-applikazzjoni ta' din id-disposizzjoni tal-liġi, kif ukoll ibbenefika mill-applikazzjoni ta'l-artikolu 18 li jikkontempla ir-reat kontinwat.

Ukoll, jidher illi l-Ewwel Qorti ħadet in konsiderazzjoni kemm l-ammissjoni tal-appellant, kemm il-fedina penali voluminuza tiegħu, kif ukoll il-fatt li hawn *si tratta* ta' serje ta' reati ta' frodi għad-dannu ta' diversi persuni. L-appellant fil-fatt ġie misjub ħati ta' mhux anqas minn erba' u għoxrin (24) imputazzjoni. Din il-Qorti tqis li, fid-dawl tal-fattispeċi tal-każ odjern u tas-sensiela twila ta' reati li kkommetta l-appellant, il-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti kienu ben sensati u legalment validi u allura id-diskrezzjoni minnha eżerċitata meta ġiet biex teroga il-piena ma għandiex tiġi skossa minn din il-Qorti.

**Għaldaqstant, għal dawn il-motivi l-appell qed jiġi miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata fl-intier tagħha.**

**(ft) Imhallef**

**Vera Kopja**

**Deputat Registratur**

---

[2] Pieni applikabbli fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reat bl-emendi li dahhlu fis-seħħ permezz ta'l-Att III tal-2002